MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 917/2002/1

**Anthony Gatt**

**vs**

**Mark Anthony Pisani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mhux aktar minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), u fejn intalab li jigu likwidati d-danni kkagunati mill-konvenut stante incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Marzu, 2001 fl-10.30a.m. fi Triq il-Belt Valletta, Luqa, meta l-konvenut bil-vettura tieghu numru IAJ-431 kkaguna dan fil-vettura ta' l-attur bin-numru GAO-713, u dan minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**It-Tribunal gie mitlub ukoll jikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati;**
**Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Mejju, 2002, li fiha ntqal illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti ta' l-istess konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur, li kien qed jeffettwa manuvra ta' U-turn, kif del resto minnu stess amess, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Anthony Pisan, Anthony Gatt, Salvu Aquilina, u Marcellino Tanti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Marzu, 2001 fl-10.30a.m. fi Triq il-Belt Valletta, Luqa, bejn l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni IAJ-431 u l-vettura ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni GAO-713.**
**2. Jirrizulta li fejn gara l-incident it-triq hija wiesgha, twila u dritta, b'vizwali tajba.**
**3. L-attur xehed li kien qed isuq il-vettura GAO-713 fi Triq il-Belt Valletta, Luqa. Jammetti li ghamel manuvra biex idur. Jghid li dak il-hin ma kienx hemm karrozzi gejjin. Skond l-attur ra lill-konvenut gej iserrep, u l-konvenut zamm brake qawwi. Skond l-attur dan kien niezel "wrong side". Skond l-attur, il-konvenut baqa' diehel go fih, qalalu r-rota u l-mudguard. Jikkonferma li ma kienx hemm karrozzi pparkjati. Skond ma xehed l-attur, bid-daqqa hu dar.**
**4. Il-konvenut jghid li kien niezel in-nizla ta' Valletta Road, Luqa, hdejn fejn hemm Andrews Feeds meta l-attur ghamillu U-turn minn fejn kien pparkjat. Meta saret din il-manuvra l-konvenut daqq horn u ghafas**

**brake u prova jevitah. Jikkonferma ukoll li l-vettura tieghu halliet brake marks.**

**5. Ix-xhud Salvu Aquilina, li kien fil-garaxx vicin ta' fejn gara l-incident, jikkonferma li sema' brake qawwi, u jghid li ra l-vettura tal-konvenut gejja titbandal. Meta sama' t-twerziq tal-brake u ra l-karrozza din kienet xi 300 metru l-boghod. Jikkonferma li l-attur kien gja qasam it-triq u gej bil-mod, filwaqt li l-konvenut kien gej b'sahha kbira. Skond ix-xhud l-attur kien fil-process li jidhol fil-garaxx meta gie l-konvenut.**

**6. Jirrizulta li l-attur kellu danni fuq il-mudguard ta' quddiem in-naha tal-lemin, filwaqt li l-konvenut kellu d-daqqa fuq in-naha tax-xellug.**

**7. Mill-provi jirrizulta li tassew l-attur ghamel U-turn u dana bil-ghan li jidhol gol-garaxx li kien hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq. Jidher li dan effettwa din il-manuvra bil-mod. Fl-istess hin li kien qed jeffettwa din il-manuvra, jirrizulta li gie l-konvenut, li kien ghaddej b'certa velocita`, tant li ma setghax jikkontrolla l-vettura tieghu, ghax kif jirrizulta mix-xhieda dan beda jserrep minn naha ghall-ohra, tant li spicca "wrong side". Huwa zamm brake qawwi, pero` dan ma kienx sufficjenti biex jieqaf fil-hin. Jirrizulta li l-attur kellu vizwali tajba ta' dak li kien gej, u l-istess vizwali kellu l-konvenut.**

**8. Il-konvenut qed jghid li ra lill-attur pparkjat u li dan dar f'daqqa**

**9. Kif jinghad fis-sentenza "Mazzitelli vs Carr" dec 18.05.1935 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili: "A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner with regard to all concomitant circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control." (Vol.XXIX-II-504).**

**10. Pero` jigi rilevat ukoll li minn qed jeffettwa U-turn bhal ma kien qed jaghmel l-attur ried jassigura li seta' jaghmel dik il-manuvra minghajr ma johloq ebda perikolu ghat-traffiku li jkun ghaddej.**

**11. Tassew kif sewwa elabora fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur ta' l-attur, l-attur kien gja kwazi qasam it-triq, u tassew li l-konvenut ma kienx gej bil-mod, anzi kien gej tant imcaqlaq li l-karrozza tieghu kienet qed isserep minn naha ghall-ohra. Dana, flimkien mal-**

**brake li nzamm, u l-konsegwenza ta' l-impatt, li biha daret l-vettura ta' l-attur, jindikaw b'mod car li l-konvenut ma kellux kontroll sufficjenti fuq il-vettura, apparti li dan kellu vizwali twila bizzejjed, u li l-attur kien ilu li beda l-manuvra biex idur. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal ma qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet.**
**12. Bhala Danni gie pruvat li kien hemm mija u hamsa u tmenin lira Danni, u dana kif jirrizulta mid-Dok.AG1 u AG2 esibiti, u mix-xhieda ta' Marcellino Tanti**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jillikwida d-danni fis-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm185.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma imsemmija ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija, bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportanti interament mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------